ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali 2017**

| **ID-DISA' SENA** | **L-ISTUDJI SOĊJALI (*Option*)** | **IL-ĦIN: Siegħa u nofs** |
|---|---|---|

**L-Isem:** ______________________________________ **Il-Klassi:** _______________

**Din il-karta tal-eżami fiha ĦAMES taqsimiet (A, B, C, D u E). L-istudenti jridu jwieġbu t-taqsimiet KOLLHA. Il-marki għal kull taqsima jidhru bejn il-parentesi.**

**Taqsima A: Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li ġejjin billi timmarka l-frażi t-tajba.**

1. **Il-komunità lokali hija magħmula minn**
a) knejjes, għaqdiet u djar
b) persuni f'pajjiżi differenti
c) tfal, żgħażagħ, anzjani u persuni oħra bi ħtiġijiet diversi

2. **L-edukazzjoni inklussiva tirreferi għal**
a) edukazzjoni ta' persuni bi bżonnijiet differenti
b) tagħlim tul il-ħajja
c) edukazzjoni għal ċittadinanza globali

3. **Diskriminazzjoni hi**
a) membru ta' grupp volontarju
b) meta persuna tara t-televixin
c) meta persuna tiġi ttrattata differenti minn oħrajn

4. **Il-Liġi tal-Familja ġiet emendata**
a) fl-2004
b) fl-1993
c) fl-2013

5. **Il-bniedem huwa ħlejqa soċjali, għalhekk**
a) ikollu bżonn interazzjoni ma' bnedmin oħra
b) iħoss il-bżonn li joqgħod waħdu għall-kwiet
c) huwa indipendenti minn persuni oħra

6. **In-normi huma**
a) il-lingwa, l-innu u l-bandiera Maltija
b) valuri komuni fis-soċjetà
c) regoli mhux miktuba li jiggwidawna għal imġiba xierqa

7. **Il-bnedmin huma individwi uniċi, għalhekk għandhom**
a) karatteristiċi differenti minn ta' nies oħra
b) bżonnijiet bażiċi differenti minn ta' nies oħra
c) bżonn li jkunu mdawra bil-ħbieb

8. **Il-ġenituri, in-nanniet u l-aħwa huma**
a) aġenti primarji tas-soċjalizzazzjoni
b) aġenti sekondarji tas-soċjalizzazzjoni
c) aġenti orizzontali tas-soċjalizzazzjoni

9. **Interdipendenti tfisser**
a) li ħadd m'għandu bżonn lil ħadd
b) li kulħadd bżonn xulxin
c) li aħna indipendenti

10. **Rwol huwa**
a) riskju għas-saħħa
b) is-sehem li wieħed irid jagħti fil-grupp li jkun fih
c) drawwa Maltija

**(10 marki)**

**Taqsima B: Aqra sew is-silta li ġejja u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li jsegwu fuq karta separata.**

X'jiġri meta persuna tikser norma soċjali jew liġi? Xufiera li jinqabdu jsuqu b'mod eċċessiv jistgħu jaqilgħu ċitazzjoni. Studenti li jibagħtu messaġġi bil-mowbajl fil-klassi jieħdu twissija mill-għalliem jew l-għalliema. Is-soċjetajiet kollha jipprattikaw il-kontroll soċjali, ir-regolamenti u l-infurzar tan-normi. Il-kontroll soċjali jista' jiġi mfisser b'mod wiesa' bħala azzjoni organizzata intiża li tibdel l-imġiba tan-nies. L-għan ewlieni tal-kontroll soċjali huwa li tinżamm l-ordni. Din hi sistema ta' prattika u mġiba li fuqha l-membri tas-soċjetà jibbażaw il-ħajja tagħhom ta' kuljum.

**Mistoqsijiet**

1. X'nifhmu b'**kontroll soċjali**? (2)
2. X'inhi d-differenza bejn **kontroll formali** u **kontroll informali**? (4)
3. X'tifhem bi **mġiba devjanti**? Agħti **ERBA'** eżempji. (6)
4. X'inhi d-differenza bejn **konformità** u **nonkonformità**? (4)
5. Spjega x'inhuma **sanzjonijiet** u agħti **ŻEWĠ** eżempji għal kull tip ta' sanzjoni. (6)
6. "Kull min għandu mġiba devjanti hu kriminali". Taqbel? Għaliex? (3)

**(25 marki)**

**Taqsima C: Aqra sew is-silta li ġejja u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li jsegwu fuq karta separata.**

Malta nbidlet f'ħafna oqsma f'dawn l-aħħar għaxar snin minn meta ssieħbet fl-Unjoni Ewropea (UE). Fil-maġġor parti din kienet evoluzzjoni li saret ftit ftit u pjuttost mingħajr problemi li mexxiet il-pajjiż 'il quddiem b'mod sinifikanti f'għadd ta' oqsma. Xi bidliet huma riżultat dirett tas-sħubija fl-UE; oħrajn huma marbutin indirettament magħha u ftit oħra jistgħu jkunu sempliċement konsegwenza tal-ħajja tad-dinja moderna. Huwa stat ta' fatt aċċettat miċ-ċittadini u mill-kamp politiku kollu, li Malta hija parti mill-Unjoni Ewropea. Hi tistinka biex tirrealizza l-potenzjal sħiħ tagħha bħala demokrazija moderna bbażata fuq ir-regoli u l-liġijiet. Malta għandha ekonomija liberali u miftuħa, u interess ċar u dirett fil-paċi u l-istabbiltà fl-Ewropa u fil-Mediterran. Is-soċjetà ċivili tagħna hija aktar b' saħħitha u setgħana, li tikkomunika bla waqfien ma' sħabha l-Ewropej. Din ġabet magħha wkoll id-diversità kulurali.

Adattata minn *Malta's EU Story: How Ten Years of Membership Changed the Country,* Tabone, P. and Nardelli, V. (2014)

**Mistoqsijiet**

1. Agħti t-tifsira ta' **ċittadin**. (2)
2. X'inhu l-**għan prinċipali** tal-Unjoni Ewropea? (2)
3. Semmi **ERBA'** vantaġġi li għandna bħala ċittadini Ewropej. (4)
4. Semmi **TLIET** drittijiet u **TLIET** dmirijiet li għandek bħala ċittadin Malti. (6)
5. X'inhi l-**kultura**? Semmi **ERBA'** elementi prinċipali li jsawruha. (6)
6. X'tifhem b'**sottokultura**? Agħti eżempju. (2)
7. Kif isseħħ id-**diversità kulturali**? Agħti **ŻEWĠ** eżempji ta' diversità kulturali li naraw f' Malta. (3)

**(25 marka)**

**Taqsima D: Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li ġejjin fid-dettall u fuq karta separata.**

1. Spjega kif il-familja tagħti l-ewwel soċjalizzazzjoni lill-ulied. (5)
2. Semmi **ĦAMES** mill-fatturi li wasslu biex il-familja tradizzjonali tinbidel. (5)
3. Iddeskrivi **TLIET** tipi ta' familja li nsibu llum. (6)
4. X'inhuma l-funzjonijiet li l-familja għandha fis-soċjetà? Semmi **TNEJN** minnhom u fissirhom. (4)

**(20 marka)**

**Taqsima E: Agħżel WIEĦED mit-temi li ġejjin u ikteb madwar 200-230 kelma dwaru fuq karta separata.**

1. L-**edukazzjoni** hi dritt bażiku tal-bniedem. Iddiskuti.
2. X'inhuma l-**valuri ċiviċi**? Iddiskutihom fit-tul permezz ta' eżempji.
3. Kull individwu jista' jinvolvi ruħu b'mod sħiħ fil-komunità lokali. Agħti eżempji ta' kif dan jista' jseħħ u ddeskrivi x'effett jista' jkollu, kemm fuq il-lokalità kif ukoll fuq l-individwu.

**(20 marka)**

**Total: 100 marka**